VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,890, 16 ta' Marzu, 2012
Taqsima B

A.L. 93 tal- 2012

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 21 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor u dawn r-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Rifużjoni ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud lill-Persuni Taxxabbli mhux stabbiliti f'Malta iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor, hawn iżjed il-quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L. S. 406.10.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' April, 2012.

Emenda tar-regolament 23 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-kliem "lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud " fir-regolament 23(2) tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva".